Ċertifikazzjoni tal-IT (jew ekwivalenti) klassifikati fil-Qafas Ewropej għall-Kwalifiki (EQF 6) minn istituzzjoni tal-edukazzjoni rikonoxxuta mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Għolja u Ulterjuri; Kwalifiki ogħla minn dawk rikjesti jiġu aċċettati minħabba l-eleġibbiltà, ladarba jkunu jilħqu s-suġġetti rekwiżiti.

Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jidħlu kwalifiki tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

5.1 Użu tajjeb tal-Ingliż; u

5.2 Kondotta tal-Pulizija nadifa.

Sottomissjoni ta' Dokumenti Mitluba:

6.0 Applikanti għandhom jibagħtu ittra, Curriculum Vitae (CV), kopji taċ-ċertifikati, xhieda ta' xogħol preċedenti kif ukoll il-formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-data mibgħuta lill Kap tar-Riżorsi Umani permezz ta' ittra elettronika jew bil-posta sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju, 2020.

6.1 Applikazzjonijiet b'email għandhom jintbagħtu f'dan l-indirizz (careers.nso@gov.mt) bit-titlu 'Il-post vakanti Programmer III (Permess Nru. 358726)'.

6.2 Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jindikaw biċ-ċar kif miktub hawn taħt:

Post Vakanti għal Programmer III (Permess Nru. 358726)
Għall-attenzjoni: Kap tar-Riżorsi Umani
u Staff Development Unit
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika
Il-Belt Valletta VLT 2000

6.3 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-data tista' titniżżel mis-sit tal-NSO (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'punt 6.0.

6.4 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

6.5 Ċertifikati oriġinali u/jew noti ta' xhieda għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.6 L-applikazzjonijiet milqugħa jiġu rikonoxxuti kollha.

6.7 Hija responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li jagħti biżżejjed ħin sabiex l-applikazzjoni tkun proċessata mill-Bord tal-Għażla.

classified at MQF 6 from recognised educational institutions as certified by the National Commission for Further and Higher Education; Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements;

Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

5.1 Good command of the English language is mandatory; and

5.2 Clean Police Conduct.

Submission of Supporting Documentation:

6.0 Applicants are to send a letter of application, Curriculum Vitae (CV), copies of qualification certificates, referees supporting their work experience, a recent clean police conduct and a data protection consent form to the Head of Human Resources and Staff Development Unit by email or regular post by noon (Central European Time), Friday, 12th June, 2020.

6.1 Applications submitted by electronic mail are to be sent to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption 'Vacant post of Programmer III (Permit No. 358726)'.

6.2 Applications submitted by regular post are to have the envelope clearly marked:

Vacant post of Programmer III (Permit No. 358726)
For the attn: Head of Human Resources
and Staff Development Unit
National Statistics Office
Valletta VLT 2000

6.3 A data protection consent is to be downloaded from the NSO website (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) and submitted with other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.4 Late applications will not be considered.

6.5 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.6 All applications received will be acknowledged once received.

6.7 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the Selection Board.

Proċedura tal-Għażla

7.0 Dawk eliġibbli jiġu evalwati mill-Bord tal-Għażla sabiex jiddeterminaw humiex xierqa għal dan ix-xogħol.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid jaqbeż 50%.

7.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont Artikolu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

7.3 Ir-riżultat jibqa' validu għal sentejn (2) mid-data ta' pubblikazzjoni.

Noti Oħra

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li hi kommessa li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

It-22 ta' Mejju, 2020

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA

Kordinatur ta' Proġett

(Permess tal-Jobsplus Nru. 265/2020)

Bħala parti mill-proġett 881831 Empowerment for Diversity (E4D), inħolqot vakanza għall-pożizzjoni ta' Kordinatur ta' Proġett, fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE). Din il-vakanza hija fi Skala ta' Salarju 7 tas-Servizz Pubbliku.

Din il-pożizzjoni tingħata b'kuntratt definit fuq bażi full-time (li jiskadi f'Marzu 2022) fejn il-persuna magħżula tkun responsabbli għal għadd ta' attivitajiet relatati mal-proġett, fosthom:

li ġġorr responsabbiltà sħiħa tal-ippjanar, kordinazzjoni, implimentazzjoni u amministrazzjoni tal-proġett mill-bidu sat-tmiem tiegħu;

li tkun responsabbli għall-iskrutinju finanzjarju ta' kull pagament, procurement u monitoraġġ tal-proġett;

li żżomm kuntatt mas-service providers u tassigura li x-xogħol jitlesta fil-ħin u jkun ta' livell għoli;

li tiffaċilita l-komunikazzjoni ġenerali tal-proġett u l-attivitajiet ta' PR;

li tkun responsabbli mill-kampanja online, torganizza u tieħu ħsieb it-twettiq t'attivtajiet fuq barra, tippubblika artikli u tipparteċipa fi programmi fuq il-midja skont il-bżonn; u

Selection Procedure

7.0 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article *5.0* have proven relevant work experience.

7.3 The interview result will be valid for a period of two (2) years.

Other

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

22nd May, 2020

NATIONAL COMMISSION
FOR THE PROMOTION OF EQUALITY

Project Coordinator

(Jobsplus Permit No. 265/2020)

A vacancy for the post of Project Coordinator has arisen within NCPE, the National Commission for the Promotion of Equality, as part of the project 881831 Empowerment for Diversity (E4D). This post is equivalent to Public Service Salary Scale 7.

The selected candidate will be expected to enter into a full-time definite contract (expiring in March 2022), where s/he will be responsible for the project activities including:

carry full responsibility for the planning, coordination, implementation and administration of the project from beginning to end;

be responsible for the financial scrutiny of each payment, procurement and monitoring;

liaise with service providers and ensure all outputs are delivered in a timely manner and to a high standard;

facilitate the project's overall communication and PR activities;

be responsible for an online campaign, organise and monitor all outreach activities, issue articles and attend local media appearances as necessary; and

li toħloq għarfien dwar l-attivitajiet ta' dan il-proġett u tqajjem interess dwaru fost il-gruppi li jridu jintlaħqu.

Il-Kordinatur ta' Proġett għandu/ha jkollu/ha:

Jew kwalifika ta' Masters rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003), fil-Project Management, Management, Gender Studies, Soċjoloġija, Psikoloġija, Antropoloġija, Public Policy, Social Policy, Kummerċ, Liġi, Studji Ewropej, Komunikazzjoni, Studji Internazzjonali, Filosofija jew Social Work, jew kwalifika professjonali kumparabbli flimkien ma' sena (1) esperjenza f'xogħol rilevanti,

Jew kwalifika ta' Bachelors rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003), fil-Project Management, Management, Gender Studies, Soċjoloġija, Psikoloġija, Antropoloġija, Public Policy, Social Policy, Kummerċ, Liġi, Studji Ewropej, Komunikazzjoni, Studji Internazzjonali, Filosofija jew Social Work, jew kwalifika professjonali kumparabbli flimkien ma' tliet snin (3) esperjenza f'xogħol rilevanti.

Il-kandidati għandu jkollhom ħila li jaħdmu f'tim, ikollhom għarfien tajjeb tal-qasam tal-ugwaljanza, ikunu jafu jużaw sew il-kompjuter u kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet rilevanti tal-Microsoft Office. Huwa essenzjali li l-kandidati jkollhom kapaċitajiet tajba ta' komunikazzjoni, inkluż kitba eċċellenti tal-Malti u tal-Ingliż. Esperjenza/għarfien fl-Accounts, Project Management u kuntratti pubbliċi tal-Gvern hija meqjusa bħala vantaġġ.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' CV dettaljat, permezz ta' ittra elettronika lid-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE fuq (equality@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2020. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

NCPE
Dar Gattard, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2295 7850
Indirizz elettroniku: (equality@gov.mt)
Sit elettroniku: (www.equality.gov.mt)

It-22 ta' Mejju, 2020

raise awareness on the activities emanating from the project and develop a high profile to the respective target group.

The Project Coordinator must be in possession of:

Either a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Project Management, Management, Gender Studies, Sociology, Psychology, Anthropology, Public Policy, Social Policy, Commerce, Law, European Studies, Communications, International Studies, Philosophy or Social Work or a comparable professional qualification, plus one (1) year relevant work experience,


Or a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent with regard to programmes commencing as from October 2003), in Project Management, Management, Gender Studies, Sociology, Psychology, Anthropology, Public Policy, Social Policy, Commerce, Law, European Studies, Communications, International Studies, Philosophy or Social Work or a comparable professional qualification, plus three (3) years relevant work experience.

The individual needs to be a good team player, well versed in equality issues, computer literate and able to use relevant MS Office applications. Strong communication skills including excellent writing skills in both Maltese and English are essential for this position. Knowledge/experience of Accounts, Project Management and Government procurement procedures and regulations is considered an asset.

Interested persons should send their application together with a detailed CV to the Executive Director via email on (equality@gov.mt) by not later than Friday, 5th June, 2020. Late submissions will not be considered.

NCPE
Gattard House, National Road, Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2295 7850
Email: (equality@gov.mt)
Website: (www.equality.gov.mt)

22nd May, 2020



Programm Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza (2014-2020)
Proġett kofinanzjat mill-Unjoni Ewropeja
Rata ta' kofinanzjament: 80% fondi Ewropej; 20% Fondi Nazzjonali



Rights, Equality and Citizenship Programme 2014-2020
Project part-financed by the European Union
Co-financing rate: 80% EU funds; 20% National Funds

MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Post ta' Allied Health Professional (Varji) fuq Bażi Full-time/Part-time fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Allied Health Professional (Varji) fuq bażi full time/part-time fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

1.2 Vakanzi jeżistu hekk kif ġej:

a) Physiotherapy
b) Podiatry

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar għal dawk li jiġu ingaġġati fi Skala ta' Salarju 10 u sitt (6) xhur għal dawk li jiġu ingaġġati fi Skala ta' Salarju 12.

2.2 Is-salarju ta' Allied Health Professional bid-Diploma f'Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2020 hu €18,142 fis-sena, li jiżdied bi €354 fis-sena sa massimu ta' €20,266 fis-sena.

2.3 Persuna fil-grad ta' Allied Health Professional (bid-Diploma) titla' fi Skala ta' Salarju 10 (li fis-sena 2020 hu €20,603 x €407.67 - €23,049 fis-sena) wara ħames (5) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Allied Health Professional (bid-Diploma) titla' minn Skala ta' Salarju 10 għal Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2020 hu €21,933 x €447.33 - €24,617 fis-sena) wara għaxar (10) snin servizz fil-grad ta' Allied Health Professional (bid-Diploma) fi Skala ta' Salarju 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Is-salarju ta' Allied Health Professional bid-Degree f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2020 hu €20,603 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €23,049 fis-sena.

2.6 Persuna fil-grad ta' Allied Health Professional (bid-Degree) titla' fi Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2020 hu

MINISTRY FOR THE FAMILY, CHILDREN'S RIGHTS AND SOCIAL SOLIDARITY

Post of Allied Health Professional (Various) on a Full-time/Part-time Basis in the Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity invites applications for the post of Allied Health Professional (Various) on full-time/part-time Basis in the Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity.

1.2 Vacancies exist in the following:

a) Physiotherapy
b) Podiatry

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months for those who will be engaged in Salary Scale 10 and six (6) months for those who will be engaged in Salary Scale 12.

2.2 The salary for the post of Allied Health Professional with Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits) is Salary Scale 12, which in the year 2020 is €18,142 rising by annual increments of €354 up to a maximum of €20,266 per annum.

2.3 An Allied Health Professional (with Diploma) will progress to Salary Scale 10 (which in the year 2020 is €20,603 x €407.67 - €23,049 per annum) on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 An Allied Health Professional (with Diploma) will progress from Salary Scale 10 to Salary Scale 9 (which in the year 2020 is €21,933 x €447.33 - €24,617 per annum) subject to satisfactory performance on completion of ten (10) years service as Allied Health Professional (with Diploma) in Salary Scale 10.

2.5 The salary for the post of Allied Health Professional with Degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) is Salary Scale 10, which in the year 2020 is, €20,603, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €23,049 per annum.

2.6 An Allied Health Professional (with Degree) will progress to Salary Scale 9 (which in the year 2020 is

€21,933 x €447.33 - €24,617 fis-sena) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.7 Persuna fil-grad ta' Allied Health Professional (bid-Degree) li jkollha kwalifika xierqa ta' wara l-gradwazzjoni Masters f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008), tidħol fi Skala ta' Salarju 10 u titla' għal Skala ta' Salarju 8 (li fis-sena 2020 hu €23,358 x €486.83 - €26,279 fis-sena) wara sentejn (2) servizz sodisfaċenti bħala Allied Health Professional (bid-Degree). Dment li kwalunkwe applikanti li jkollhom degree Masters xierqa f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008), u li jkollhom aggregat minimu ta' sentejn (2) servizz sodisfaċenti fil-professjoni tal-Allied Health mal-Gvern, jitpoġġew immedjatament fit-tarġa rilevanti ta' Skala ta' Salarju 8 skont id-dispożizzjonijiet stipulati fil-Public Service Management Code (PSMC) minn żmien għal ieħor. Ladarba jitpoġġew fi Skala ta' Salarju 8, dawn l-Allied Health Professionals iridu jagħmlu l-competency programme u evaluation framework sabiex jipprogressaw aktar fit-triq rilevanti tal-karriera hekk kif dettaljat aktar fi klawsoli oħra tal-Ftehim Settorali li jappartjeni għall-Allied Health Professionals.

2.8 Persuna maħtura tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra tali, u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi oħra tali li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

2.9 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad/pożizzjoni li qed tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatat bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Allied Health Professional (Varji) huma li:

i. Tippjana, twettaq u tevalwa servizz speċifiku tal-allied health;

ii. Tippreżenta dokumentazzjoni ċara, preċiża u fil-ħin;

iii. Tikkomunika, taħdem id f'id effettivament ma' professjonisti oħra, individwi u gruppi ta' pazjenti, familji/carers u aġenziji oħra skont il-ħtieġa;

iv. Iżżomm ruħha aġġornata fuq żviluppi u modi fil-prattika ta' professjoni speċifika tal-allied health permezz ta'

€21,933 x €447.33 - €24,617 per annum) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.7 An Allied Health Professional (with Degree) in possession of an appropriate post-graduate Masters Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regards to programmes commencing as from October 2008) shall enter in Salary Scale 10 and shall move to Salary Scale 8 (which in the year 2020 is €23,358 x €486.83 - €26,279 per annum) upon completion of two (2) years satisfactory service as Allied Health Professional (with Degree). Provided that any applicants in possession of an appropriate Masters Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008), and who have a minimum aggregate of two (2) years satisfactory allied health professional service with Government, shall be immediately placed in the relevant step of Salary Scale 8 in accordance with the provisions stipulated in the Public Service Management Code (PSMC) from time to time. Upon being placed in Salary Scale 8 these Allied Health Professionals will have to undertake the competency programme and evaluation framework in order to progress further in the relevant career path as further detailed in other clauses of the Sectoral Agreement pertaining to Allied Health Professionals.

2.8 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

2.9 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade/position being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

Duties

3.1 The job duties for the post of Allied Health Professional are:

i. Planning, delivering and evaluating specific allied health service;

ii. Presenting clear, accurate and timely documentation;

iii. Communicating and liaising effectively with other professionals, individuals and groups of patients, family/carers and other agencies as required;

iv. Keeping up-to-date on developments and trends in the practice of the specific allied health profession by study of

studju tal-letteratura kurrenti jew billi tattendi korsijiet tal-continuous professional;

v. Twettaq kwalunkwe dmirijiet oħra li jkunu meħtieġa mill-Allied Health Professional responsabbli b'rispons għall-eżiġenzi tas-servizz;

vi. Iżżomm mal-policies u l-proċeduri kollha kif applikabbli lill-entità/entitatjiet fejn l-Allied Health Professional ikun ġie allokat;

vii. Tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali;

viii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

ix. Kwalunkwe dmir ieħor skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

3.3 Il-kandidata magħżula tista' tkun meħtieġa taħdem fuq bażi ta' xift li jinkludi xogħol billejl skont rosters stabbiliti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. Allied Health Professionals ingaġġati fuq bażi part-time jkunu meħtieġa li jaħdmu minimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa u allokati f'rosters u sezzjonijiet skont l-eżiġenzi tas-servizz.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz

the current literature or by attending continuous professional development courses available and to adapt work practices according to the latest evidence;

v. Performing any other duties which may be required by the responsible Allied Health Professional in response to the exigencies of the service;

vi. Abiding by all policies and procedures as applicable to the entity/entities that the Allied Health Professional is deployed to;

vii. Making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity;

viii. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

ix. Any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

3.3 The selected candidate may be required to perform duties on a shift basis including night duties according to the established rosters in the Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity. Allied Health Professionals engaged on part-time basis will be required to work on a minimum of 20 hours per week and deployed on a roster and section according to exigencies of the service.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms

tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

U

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fl-ispeċjalità rilevanti jew kwalifika kumparabbli professjonali u jkunu reġistrati fl-ispeċjalità rilevanti mal-Kunsill ta' Professjonisti Kumplimentari għall-Mediċina f'Malta;

JEW

iv. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003) fl-ispeċjalità rilevanti jew kwalifika kumparabbli professjonali U jkunu reġistrati fl-ispeċjalità rilevanti mal-Kunsill ta' Professjonisti Kumplimentari għall-Mediċina f'Malta.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2. Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 ta' MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET fir-rigward ta' korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); **or**

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. profecient in the Maltese and English languages ;

AND

iii. in possession of a recognised qualification at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent) in the relevant speciality or a comparable professional qualification AND registered in the relevant speciality with the Council for Professions Complimentary to Medicine in Malta.

OR

iv. in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, withregard to programmes commencing as from October 2003) in the relevant speciality or a comparable professional qualification AND registered in the relevant speciality with the Council for Professions Complimentary to Medicine in Malta.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits with regard to programmes commencing as from October 2008.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Aktar minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu r-rekwiżiti speċifikati f'paragrafi 4.1 (iii) jew 4.1 (iv) formalment, xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti ta' tali rekwiżiti sal-aħħar ta' Diċembru, 2020. Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jridu juru r-rekwiżiti indikati f'paragrafi 4.1 (iii) jew 4.1 (iv) qabel il-ħatra.

4.3. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised higher MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the requisites specified in paragraphs 4.1 (iii) or 4.1 (iv) will still be considered, provided that they submit evidence that they would qualify for such requisites by end December, 2020. If selected, such candidates must produce the requisites indicated in paragraphs 4.1 (iii) or 4.1 (iv) before appointment

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce an updated Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from date of application; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2020. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry forthe Family,Children's Rights and Social Solidarity through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/ Certificate of Conduct not alter than one month from the date of application as applicable which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is end of business of Friday, 5th June, 2020. A computer- generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;

eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati; żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidrjetà Socjali, 38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijieti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat riċeventi huma (www.family.gov.mt) u (recruitment.mfcs@gov.mt).

It-22 ta' Mejju, 2020

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI

Post ta' Senior Legal Officer fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Senior Legal Officer fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali, u l-Infurzar tal-Liġi.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' Senior Legal Officer huwa ta' Skala ta' Salarju 6, li fis-sena 2020 huwa ta' €26,543 fis-sena, li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €30,121.

2.3 Il-persuna nnominata tkun intitolata għall-benefiċċji oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet oħra stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern ta' Malta u l-Unions kompetenti.

2.4 Il-persuna magħżula trid tassigura li din topera fil-qafas tal-Kodiċi ta' Etika u tal-paragrafu 6.2.3 tal-Public Service Management Code u ma tista' tagħmel l-ebda xogħol barra mill-ħin tax-xogħol mal-Gvern li jista' jwassal għal kunflitt ta' interess jew ixekkel l-operat mad-dmirijiet

medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Directorate Coporate Services, Ministry for the Family, Childen's Rights and Social Solidarity, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (www.family.gov.mt) and (recruitment.mfcs@gov.mt).

22nd May, 2020

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, NATIONAL SECURITY AND LAW ENFORCEMENT

Post of Senior Legal Officer in the Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement invites applications for the post of Senior Legal Officer in the Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Senior Legal Officer is Salary Scale 6, which in the year 2020 is equivalent to, €26,543 per annum, rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €30,121.

2.3 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government of Malta and the competent Union.

2.4 The appointee must ensure that s/he operates within the framework of the Code of Ethics and of Section 6.2.3 of the Public Service management Code, and will not carry any form of work outside of Government employment which may lead to a conflict with their official duties with

uffiċjali tiegħu/tagħha mal-Gvern. Xogħol privat jista' jsir biss bil-permess tas-Segretarju Permanenti.

2.5 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Senior Legal Officer huma li:

i. Tipprovdi pariri legali lid-Dipartiment u tassisti Uffiċjali tal-Prosekuzzjoni fit-tħejjija tal-każijiet;

ii. Twettaq xogħol legali skont l-istandards tal-professjoni inkluż tabbozza u tiffajlja atti ġudizzjarji;

iii. Tagħti pariri u tirrappreżenta lid-Dipartiment u lill-Kap tad-Dipartiment quddiem il-qrati/tribunali f'Malta/Għawdex skont kif meħtieġ;

iv. Tattendi u tipparteċipa f'taħriġ, laqgħat, konferenzi u seminars kemm ġewwa u barra minn Malta;

v. Tagħmel riċerka legali, analiżi, rapporti, u memos tal-Kabinet skont kif meħtieġ;

vi. Tikkordina mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali/Avukat tal-Istat, u dipartimenti oħra tal-Gvern f'oqsma relatati mad-Dipartiment, skont il-ħtieġa;

vii. Tfassal u/jew tagħti pariri fit-tfassil ta' formoli jew avviżi uffiċjali skedati relatati mar-rwol u funzjoni tad-Dipartiment;

viii. Tassisti fil-formolazzjoni tal-politika u funzjonijiet oħra tad-Dipartiment billi tiprepara briefs fir-rigward ta' oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tad-Dipartiment;

ix. Tabbozza liġijiet u regolamenti, inkluż emendi ta' leġiżlazzjonijiet eżistenti, kif ukoll kuntratti u strumenti oħra miktuba, f'oqsma li jaqgħu taħt ir-reponsabbiltà tad-Dipartiment;

x. Tikkollabora u tassisti lid-Data Protection Officer tad-Dipartiment skont il-bżonn, fl-implimentazzjoni, immaniġġjar u montitoraġġ fir-rigward tal-użu tad-Data tad-Dipartiment inkluż il-Passenger Name Record (PNR), skont il-leġiżlazzjoni u l-prattiki tal-Protezzjoni tad-Data, kif meħtieġ;

xi. Tagħti attenzjoni lid-dettalji ta' informazzjoni miksuba waqt l-ipproċessar, l-analiżi u l-evalwazzjoni tad-data sabiex tittieħed azzjoni neċessarja;

the Government. Private work invariably necessitates the permission of the Permanent Secretary.

2.5 Lateral applications from public officers are not allowed.

Duties

3. The job duties for the post of Senior Legal Officer are to:

i. Provide Legal advice to the Department and assist Prosecution Officers in the preparation of court cases;

ii. Perform legal work in accordance with the standards of the profession including the preparation and filing of judicial acts;

iii. Advice and represent the Department and the Head of Department before the courts/tribunals in Malta/Gozo as necessary;

iv. Attend and participate in training, meetings, conferences and seminars in Malta and abroad;

v. Carry out legal research, perform analysis, draw up reports and cabinet memos as may be required;

vi. Liaise with the Office of the Attorney General/State Advocate and other Government Departments as necessary in matters related to the Department;

vii. Draw and/or advise in the drawing up of official scheduled forms or notices related to the Department's role and function;

viii. Assist in the policy formulation and other functions of the Department by the preparation of briefs in relation to areas falling within the remit of the Department;

ix. Draft laws and regulations, including amendments to existing legislation, as well contracts and other written instruments and to peruse documents drafted by others;

x. Collaborate and assist the Department's Data Protection Officer as required in the implementation, management and monitoring of the use of the Department's Data including the Passenger Name Record (PNR), according to Data Protection legislation and practices, as required;

xi. Pays attention to details and information gathered through the processing, analyses and evaluation data, to be able to take the necessary action;

xii. Tmantni u tikkomunika attitudni pożittiva u professjonali waqt il-komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti;

xiii. Iżżomm kunfidenzjalità tad-data kollha riċevuta u mibgħuta;

xiv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xv. Kwalunkwe dmir ieħor skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is one hundred per cent (100%) and the pass mark is fifty per cent (50%).

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience .

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2020. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.1 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mill-Assitent Direttur, People Managment, Old Farmhouse, l-Għammieri, Il-Marsa MRS 3303. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (agrifish.gov.mt) u (humanresources.mafa@gov.mt).

It-22 ta' Mejju, 2020

Submission of Applications

7. Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is end of business of Friday, 5th June, 2020. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.1 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from Assistant Director, People Management, Old Farmhouse, Għammeri, Marsa MRS 3303. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department are (agrifish.gov.mt) and (humanresources.mafa@gov.mt).

22nd May, 2020

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI

Post ta' Quantity Surveyor fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (People Management), Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Quantity Surveyor fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2. Is-salarju ta' Quantity Surveyor huwa ta' Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2020 huwa ta' €21,933 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €24,617.

2.3. Persuna fil-grad ta' Quantity Surveyor titla' fi Skala 8, li fis-sena 2020 huwa ta' €23,358 fis-sena, li jiżdied b'€486.83 fis-sena sa massimu ta' €26,279 wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Quantity Surveyor titla' fi Skala ta' Salarju 7, li fis-sena 2020 huwa ekwivalenti għal €24,894 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €28,081, wara għaxar (10) snin ta' prattika professjonali fil-grad ta' Quantity Surveyor dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti jew tmien (8) snin jekk ikollha kwalifika post-graduate xierqa u rikonoxxuta, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

2.6 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal din il-post ta' Quantity Surveyor huma li:

i. Tassisti fil-ġbir ta' stimi dwar il-baġit, tipprepara dokumenti għal e-tendering inkluż kundizzjonijiet ta' kuntratti u tipprepara stimi ta' materjal, tax-xogħol u tas-servizzi kif meħtieġ;

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Post of Quantity Surveyor in the Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (People Management), Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects invites applications for the post of Quantity Surveyor in the Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Quantity Surveyor is Salary Scale 9, which in the year 2020 is equivalent to, €21,933 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €24,617.

2.3 A Quantity Surveyor will progress to Scale 8, which in the year 2020 is equivalent to €23,358 per annum, rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €26,279 on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 A Quantity Surveyor will progress to Salary Scale 7, which in the year 2020 is equivalent to €24,894 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €28,081 on completion of ten (10) years professional practice in the grade of Quantity Surveyor subject to satisfactory performance, or eight (8) years if in possession of a recognised and appropriate postgraduate qualification, subject to satisfactory performance.

2.5 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government of Malta and the competent Union subject to satisfactory performance.

2.6 Lateral applications from public officers are not allowed.

Duties

3. The job duties for the post of Quantity Surveyor are:

i. Assisting in the drawing up of budgetary estimates, preparing e-tendering documents including conditions of contract and preparing bills of quantities of works, supply and services as required;

ii. Tassisti fl-evalwazzjoni ta' tenders u l-abbozzar ta' rapporti tekniċi;

iii. Kejl fuq il-post ta' proġetti mwettqa u t-tħaddim ta' software għall-kejl ta' xogħlijiet;

iv. Tipprepara evalwazzjonijiet ta' kull xahar għall-pagamenti;

v. Tassisti fl-analiżi ta' prezzijiet għal ftehim mal-kuntratturi;

vi. Tipprovdi għajnuna biex jintlaħaq ftehim dwar l-iffinalizzar ta' kontijiet;

vii. Tiċċekkja, tevalwa u tassisti fit-tħejjija ta' rapporti dwar talbiet magħmula mill-kuntratturi fuq xogħol mhux inkluż fil-kuntratt;

viii. Tattendi f'diskussjonijiet meta meħtieġ ma' kumpaniji lokali kif ukoll barranin;

ix. Tipprovdi għajnuna fit-tħejjija ta' sommarji tal-fatti meħtieġa mill-avukati u tagħti xhieda kif meħtieġ fil-Qorti f'każijiet fejn ikun hemm litigazzjoni;

x. Tassigura li t-tagħmir ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol ikun provdut, aċċessibbli u li jintuża mill-impjegati kollha u tiżgura li r-regolamenti u l-liġijiet tas-Saħħa u Sigurtà jkunu mħarsa mill-ħaddiema kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha;

xi. Tidentifika, fejn hu possibbli, setturi fejn jista' jiġi mtejjeb il-cost management;

xii. Tagħmel xogħol ieħor minn żmien għal żmien kif meħtieġ mill Kap u l-Assistent Kap tal-Quantity Surveying Unit;

xiii. Dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

ii. Assisting in evaluating tenders and drafting technical reports;

iii. Measurement on site of executed projects and operation of works measurement software;

iv. Preparation of monthly evaluations for payments;

v. Assisting in analysing prices for agreements with contractors;

vi. Providing support in the settlement of final accounts;

vii. Checking, evaluating and assisting in reporting on extra-contractual claims submitted by contractors;

viii. Attending, on request, discussions with local and foreign firms;

ix. Providing support in preparing briefs for legal counsel and giving evidence, as required, in Courts of Law in cases of litigation;

x. Ensuring the availability, accessibility and use of Health and Safety equipment and apparel by all employees and ensures that the laws and regulations in this regard are being strictly adhered to by all employees under his/her charge;

xi. Identifying, where possible, areas of improvement as regards cost management;

xii. Carrying out other duties as may be determined from time to time by the Head and/or Assistant Head Quantity Surveying Unit;

xiii. Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

iii. fil-pussess ta' kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi mibdija minn Ottubru 2003) fil-Quantity Surveying, jew kwalifika professjonali kumparabbli.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2. Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET fir-rigward ta' korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti,

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in Maltese and English;

iii. in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regards to programmes commencing as from October 2003) in Quantity Surveying or a comparable professional qualification.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits with regard to programmes commencing as from October 2008.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/

meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-

ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised higher MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce an updated Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from date of application; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The

marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-sezzjoni tar-reklutaġġ fi ħdan id-Direttorat tal-People Management, Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2020. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat tal-People Management, Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, Blokk A, Triq Francesco Buonamici,

maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Recuitment Section in the Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is end of business of Friday, 5th June, 2020. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the People Management Directorate, Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects, Block A, Triq Francesco

Il-Furjana FRN 1700. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

L-indirizz elettroniku tad-Direttorat huwa (recruitment.mtip@gov.mt).

It-22 ta' Mejju, 2020

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Senior Officer Creative Communications Broker

Numru tal-Permess ta' Jobsplus 286/2020

Il-Kunsill Malti għall-Arti qed ifittex li jimpjega Creative Communications Broker biex iqassam informazzjoni fuq fondi nazzjonali u programmi ta' investiment lil operaturi fis-setturi inkluż promozzjoni fil-media ta' inizjattivi tal-Kunsill Malti għall-Arti u kampanji bl-użu ta' metodoloġiji differenti inkluż disseminazzjoni bl-istampar, online, b'mod elettroniku u b'mod awdjoviżiv.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (www.artscouncilmalta.org/opportunities/154).

Dawk interessati li jkunu parti mit-tim jistgħu japplikaw billi jibagħtu s-CV tagħhom lil (vacancies@artscouncilmalta.org).

Data tal-għeluq: Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2020, f'nofsinhar

It-22 ta' Mejju, 2020

IL-MUŻEW IL-ĠDID
TAL-ARTI KONTEMPORANJA

Manager - Events and Logistics

Numru tal-Permess ta' Jobsplus 285/2020

Il-Mużew il-Ġdid tal-Arti Kontemporanja qed ifittex li jimpjega Manager - Events and Logistics biex imexxi l-Kalendarju Kulturali tiegħu waqt li jissorvelja l-eżekuzzjoni u l-implimentazzjoni tal-istess kalendarju.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (www.artscouncilmalta.org/opportunities/153).

Dawk interessati li jkunu parti mit-tim jistgħu japplikaw billi jibagħtu s-CV tagħhom lil (vacancies@artscouncilmalta.org).

Data tal-għeluq: Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2020, f'nofsinhar

It-22 ta' Mejju, 2020

Buonamici, Floriana FRN 1700. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The email address of the receiving Directorate is (recruitment.mtip@gov.mt).

22nd May, 2020

ARTS COUNCIL MALTA

Senior Officer Creative Communications Broker

Jobsplus Permit Number 286/2020

Arts Council Malta is seeking to recruit a Creative Communications Broker to disseminate information on national funding and investment programmes to operators in the sectors including media promotion of Arts Council Malta initiatives and campaigns using different methodologies including print, online, electronic and audiovisual dissemination.

Further information can be found on (www.artscouncilmalta.org/opportunities/154).

Those interested in becoming part of the team may apply by sending their CV on (vacancies@artscouncilmalta.org).

Closing date: Friday, 5th June, 2020, at noon

22nd May, 2020

MALTA INTERNATIONAL
CONTEMPORARY ART SPACE

Manager - Events and Logistics

Jobsplus Permit Number 285/2020

The Malta International Contemporary Art Space is seeking to recruit a Manager - Events and Logistics to manage its Cultural Calendar while overseeing the execution and implementation of same.

Further information can be found on (www.artscouncilmalta.org/opportunities/153).

Those interested in becoming part of the team may apply by sending their CV on (vacancies@artscouncilmalta.org).

Closing date: Friday, 5th June, 2020, at noon

22nd May, 2020

DIVIŻJONI TAL-MIŻURI U SAPPORT,
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET
BARRANIN U EWROPEJ

AVVIŻ – 20 ta' Mejju 2020
Business Enhance ERDF Grant Schemes
Open Rolling Calls – Cut-off dates

Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2014-2020
It-trawwim ta' ekonomija kompetittiva u sostenibbli li tilqa' l-isfidi tagħna

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u Sapport fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej (MFEA), maħtura mill-Awtorità ta' Ġestjoni f'Malta għall-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 biex isservi bħala l-Korp Intermedjarju responsabbli mill-amministrazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna għall-intrapriżi taħt il-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew 2014-2020, tavża cut-off dates oħrajn sal-aħħar ta' Novembru 2020 għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet taħt l-inizjattiva Business Enhance ERDF Grant Schemes.

Il-cut-off dates sal-aħħar ta' Novembru 2020 għas-Sejħiet kollha miftuħin jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet kif elenkati:

Call 1 – Business Enhance RD&I Grant Scheme – Measure 1 Feasibility Studies	29th May
Call 2 – Business Enhance RD&I Grant Scheme – Measure 2 Research & Development Projects	30th June
Call 3 – Business Enhance RD&I Grant Scheme – Measure 3 Investment in Research Infrastructures	
Call 4 – Business Enhance RD&I Grant Scheme – Measure 4 Process Innovation	31st July
Call 1 – e-Commerce Grant Scheme	31st August
Call 3 – SME Growth Grant Scheme	30th September
Call 3 – Start-up Investment Grant Scheme	
Call 1 – SME Diversification and Innovation Grant Scheme	30th October
Call 1 – SME Internationalisation Grant Scheme	30th November
Call 2 – SME Consultancy Services Grant Scheme	

Minbarra dawn ta' hawn fuq, is-Sejħiet miftuħin msemmija fit-tabella li jmiss għandhom ukoll cut-off dates f'nofs ix-xahar li jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet kif elenkati:

	17th June
	17th July
Call 1 – e-Commerce Grant Scheme	12th August
Call 2 – SME Consultancy Services Grant Scheme	16th September
	16th October
	13th November

Aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar dawn is-sejħiet, inklużi n-Noti Gwida rispettivi u l-Linji Gwida tal-Implimentazzjoni jistgħu jinkisbu minn (https://

MEASURES AND SUPPORT DIVISION,
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR EU FUNDS
MINISTRY FOR FOREIGN AND
EUROPEAN AFFAIRS

ANNOUNCEMENT – 20th May 2020
Business Enhance ERDF Grant Schemes
Open Rolling Calls – Cut-off dates

Operational Programme I – Cohesion Policy 2014-2020
Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges

The Measures and Support Division within the Ministry for Foreign and European Affairs, designated by the Managing Authority for Cohesion Policy 2014-2020 as the Intermediate Body responsible for administering aid schemes for enterprises under the European Regional Development Fund (ERDF) 2014-2020, would like to announce further cut-off dates until end November 2020 for the submission of applications under the Business Enhance ERDF Grant Schemes intiative.

The cut-off dates for all open Calls until end November 2020 are set at noon of the following dates:

Call 1 – Business Enhance RD&I Grant Scheme – Measure 1 Feasibility Studies	29th May
Call 2 – Business Enhance RD&I Grant Scheme – Measure 2 Research & Development Projects	30th June
Call 3 – Business Enhance RD&I Grant Scheme – Measure 3 Investment in Research Infrastructures	
Call 4 – Business Enhance RD&I Grant Scheme – Measure 4 Process Innovation	31st July
Call 1 – e-Commerce Grant Scheme	31st August
Call 3 – SME Growth Grant Scheme	30th September
Call 3 – Start-up Investment Grant Scheme	
Call 1 – SME Diversification and Innovation Grant Scheme	30th October
Call 1 – SME Internationalisation Grant Scheme	30th November
Call 2 – SME Consultancy Services Grant Scheme	

In addition to the above, the following open Calls have mid-monthly cut-off dates set at noon of the following dates:

	17th June
	17th July
Call 1 – e-Commerce Grant Scheme	12th August
Call 2 – SME Consultancy Services Grant Scheme	16th September
	16th October
	13th November


Further information on these calls including the respective Guidance Notes and the Guidelines for Implementation may be obtained from (https://businessenhance.gov.mt) or

businessenhance.gov.mt) jew billi tikkuntattja lid-Diviżjoni tal-Miżuri u Sapport permess ta' (msd.mfea@gov.mt) jew 2295 7110.

by contacting the Measures and Support Division on (msd.mfea@gov.mt) or 2295 7110.

It-22 ta' Mejju, 2020

22nd May, 2020



Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
'It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna'
Avviż parzjalment iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
Rata ta' kofinanzjament: Eliġibbli għall-Pubbliku
(80% Fondi mill-UE; 20% Fondi Nazzjonali)



Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
'Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges'
Advert part-financed by the European Regional Development Fund
Co-financing rate: Public Eligible (80% European Union; 20% National Funds)

DIVIŻJONI GĦALL-FONDI U PROGRAMMI, SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ, MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

FUNDS AND PROGRAMMES DIVISION, PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR EUROPEAN FUNDS, MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS

Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020

European Agricultural Fund for Rural Development 2014-2020

AVVIŻ (Miżura 4.1)

ANNOUNCEMENT (Measure 4.1)

Miżura 4.1: 'Appoġġ għal Investimenti f'Azjendi Agrikoli'

Measure 4.1: 'Support for Investments in Agricultural Holdings'

Id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Fondi u l-Programmi, fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej, tħabbar it-tnedija mill-ġdid tal-Miżura 4.1 taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali. L-applikazzjonijiet se jinfetħu fit-22 ta' Mejju, 2020 u jagħlqu nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2020 f'nofsinhar.

The Director General of the Funds and Programmes Division, within the Parliamentary Secretariat for European Funds, announces the re-launch of Measure 4.1 under the Rural Development Programme. Applications will open on the 22nd May, 2020 and close on Friday, 24th July, 2020, at noon.

Il-miżura 4.1 'Appoġġ għall-investimenti fl-azjendi agrikoli' għandha l-għan li tappoġġa l-investiment f'sistemi u tagħmir fi spejjeż effettivi u ambjentalment effiċjenti fir-rigward tal-ġestjoni tal-ħamrija, il-ħażna u l-użu tal-ilma, l-enerġija rinnovabbli, il-ġestjoni tal-iskart, u l-effiċjenza mtejba tal-użu u l-kontroll tal-fertilizzanti u l-pestiċidi. L-appoġġ għall-investimenti fl-azjendi huwa maħsub ukoll biex jimmira lejn produttività mtejba fuq l-impriżi.

Measure 4.1 'Support for investments in agricultural holdings' has the aim to support investment in cost-effective and environmentally efficient systems and equipment in relation to soil management, water capture and use, renewable energy, waste management, and improved efficiency of fertiliser and pesticide use and control. Support for investments in holdings is also intended to target improved productivity on holdings.

Bdiewa, jew Gruppi ta' Bdiewa, sew jekk persuni naturali jew legali, huma eliġibbli għal appoġġ taħt din il-miżura. Il-benefiċjarji magħżula se jirċievu 50% tal-ispejjeż totali eliġibbli tal-proġett sa massimu ta' €150,000.

Farmers, or Groups of Farmers, whether natural or legal persons, are eligible for support under this measure. Beneficiaries will receive 50% of the total eligible project costs up to a maximum of €150,000.

Applikanti prospettivi għandhom jinnotaw li minħabba l-pandemija COVID-19, se jiġu aċċettati biss applikazzjonijiet b'mod elettroniku mibgħuta permezz ta' ittra elettronika lil (rdd.mfea@gov.mt). L-applikanti prospettivi qed jingħataw parir biex jevitaw li jissottomettu applikazzjonijiet fl-aħħar jiem. L-applikanti għandhom jinnotaw li kwalunkwe dokumentazzjoni li qabel kienet elenkata bħala obbligatorja għal din il-miżura issa se titħalla tiġi sottomessa anki wara d-data tal-għeluq.

Prospective applicants are to note that due to the COVID-19 pandemic, only soft copies sent via email to (rdd.mfea@gov.mt) will be accepted. Prospective applicants are strongly advised to avoid submitting applications on the last days. Applicants are to note that any documentation previously listed as obligatory for this measure will now be allowed to be submitted even after the closing date.

Din se tkun l-aħħar sejħa għall-miżura 4.1 taħt il-Programm ta' Żvilupp Rurali 2014-2020 sakemm ma jkunx notifikat mod ieħor mill-Awtorità ta' Ġestjoni.

This will be the last M4.1 call under the Rural Development Programme 2014-2020 unless otherwise notified by the Managing Authority.

Aktar dettalji dwar il-proċess ta' applikazzjoni se jiġu ppubblikati fiż-żmien li ġej fuq is-siti elettroniċi tal-Awtorità ta' Ġestjoni (www.eufunds.gov.mt) u (www.eufundsmalta.gov.mt). Għal aktar informazzjoni, l-Awtorità ta' Ġestjoni tista' tiġi kkuntattjata fl-indirizz elektroniku (rdd.mfea@gov.mt) jew fuq in-numri tat-telefown 2200 1117/1162.

Further details on the application process will be published in due course on the websites of the Managing Authority (www.eufunds.gov.mt) and (www.eufundsmalta.gov.mt). For more information, the Managing Authority can be contacted by email at (rdd.mfea@gov.mt) or tel. 2200 1117/1162.

It-22 ta' Mejju, 2020

22nd May, 2020

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali: L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali

Rural Development Programme for Malta 2014-2020
Part-financed by the European Union
Co-financing Rate: 75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development: Europe investing in rural areas

FORZI ARMATI TA' MALTA

Estensjoni – ir-Ranges ta' Pembroke

Ngħarrfu illi sparar attiv se jseħħ nhar it-Tlieta, 26 ta' Mejju, 2020, sal-5.00 p.m. Għalhekk, LMD-6 għandu jiġi estiż mill-4.00 p.m. sal-5.00 p.m.

It-22 ta' Mejju, 2020

ARMED FORCES OF MALTA

Extension – Pembroke Ranges

It is notified that live fire is taking place on Tuesday, 26th May, 2020, till 5.00 p.m. Therefore, LMD-6 has to be extended from 4.00 p.m. till 5.00 p.m.

22nd May, 2020

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA

Skema għall-Promozzjoni ta' Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu għal Organizzazzjonijiet Volontarji

Is-Segretarju Permanenti jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati tal-applikazzjonijiet għall-iskema msemmija hawn fuq, fuq in-noticeboard prinċipali fil-Ministeru għall-Enerġija

MINISTRY FOR ENERGY AND WATER MANAGEMENT

Scheme for the Promotion of Renewable Energy Sources for Voluntary Organisations

The Permanent Secretary notifies that the results of the applications for the abovementioned scheme may be viewed on the main noticeboard at the Ministry for Energy and Water

u l-Immaniġġjar tal-Ilma, 52, Triq it-Teatru l-Antik, Il-Belt Valletta, u fuq is-sit elettroniku (www.energy.gov.mt).

Organizzazzjonijiet Volontarji li ma bbenefikawx taħt l-ewwel sejħa tal-iskema msemmija hawn fuq jistgħu japplikaw taħt it-tieni sejħa li se tiġi ppubblikata dalwaqt.

It-22 ta' Mejju, 2020

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 27 ta' Mejju, 2020, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/04/2020. Provvista u konsenja ta' pneumatic actuated PVC ball valves għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Kwot. Nru. WSC/Q/05/2020. Provvista u konsenja ta' woltman meters (50mm - 100mm) għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/33/2020. Provvista, konsenja, installazzjoni u kummissjonar ta' micro processing horizontal based balancing machine ġdida għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 1 ta' Ġunju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/35/2020. Qafas ta' ftehim għat-tneħħija ta' materjal tal-fibreglass b'mod li ma ssirx ħsara 'l-ambjent għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2020, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/06/2020. Provvista u konsenja ta' electro submersible pumps għal spieri għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Ġunju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/34/2020. Tqattigħ ta' trinek u tqegħid ta' katusi fi Triq Idmejda u Triq il-Kardinal Cardijn, Ħal Balzan, għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/36/2020. Tneħħija ta' liquid ammonia skaduta b'mod li ma ssirx ħsara 'l-ambjent mill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Management, 52, Triq it-Teatru l-Antik, Valletta, and on the website (www.energy.gov.mt).

Voluntary Organisations that have not benefited under the first call of the abovementioned scheme may apply under the second call which will be published soon.

22nd May, 2020

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 27th May, 2020, for:

Quot. No. WSC/Q/04/2020. Supply and delivery of pneumatic actuated PVC ball valves for the Water Services Corporation.

Quot. No. WSC/Q/05/2020. Supply and delivery of woltman meters (50mm - 100mm) for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 29th May, 2020, for:

Advt No. WSC/T/33/2020. Supply, delivery, installation, commissioning and training of a brand new micro processing horizontal based balancing machine for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Monday, 1st June, 2020, for:

Advt No. WSC/T/35/2020. Framework agreement for the disposal of fibreglass material in an environmentally friendly manner for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 3rd June, 2020, for:

Quot. No. WSC/Q/06/2020. Supply and delivery of electro submersible pumps for boreholes to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 4th June, 2020, for:

Advt No. WSC/T/34/2020. Trenching and pipelaying at Triq Idmejda and Triq il-Kardinal Cardijn, Ħal Balzan, for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 5th June, 2020, for:

Advt No. WSC/T/36/2020. Disposal of expired liquid ammonia in an environmentally friendly manner from the Water Services Corporation.

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 8 ta' Ġunju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/37/2020. Provvista u konsenja ta' variable speed drives and soft-starters għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2020, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/07/2020. Provvista u konsenja ta' atex blower ġdid għall-gas holding tank fl-Impjant għat-Trattament tad-Drenaġġ f'Ta' Barkat għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju, 2020, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/08/2020. Provvista u konsenja ta' vertical axis pump ġdid għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 16 ta' Ġunju, 2020, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/09/2020. Provvista u konsenja ta' 10" stainless steel butterfly valves għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/40/2020. Xiri ta' GPR machine għal utility detection u archaeological prospection lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/42/2020. Aċċettazzjoni ta' skart ta' materjal ta' kostruzzjoni u skavat u tipping cost għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

It-22 ta' Mejju, 2020

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Birkirkara, permezz tal-ePPS, sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Ġunju, 2020, għal:

Avviż Nru. BLC/005/2020. Provvista ta' hot dense bituminous paving mixture u cold asphalt.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla hlas u jigu miksuba, imniżżla u milqugha BISS min fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-22 ta' Mejju, 2020

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija jgħarraf illi:

Sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju, 2020, fil-Kunsill Lokali Ħal Lija jintlaqgħu offerti għal:

Avviż Nru. LLC 02/2020. Xogħlijiet ta' pavimentar, manutenzjoni u xogħlijiet maġġuri ta' traqqigħ/għoti ta' wiċċ ġdid fil-lokalità ta' Ħal Lija.

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

The Għajnsielem Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Għajnsielem Local Council till 9.30 a.m. on Friday, 12th June, 2020, for:

Advt. No. GHJN 02/2020. Supply and installation of an environmentally friendly irrigation system at Ta' Passi, Għajnsielem (re-issue).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

22nd May, 2020

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

The Birkirkara Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Birkirkara Local Council through ePPS, up to noon on Monday, 8th June, 2020, for:

Advt. No. BLC/005/2020. Supply of hot dense bituminous paving mixture and cold asphalt.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

22nd May, 2020

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

The Ħal Lija Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Lija Local Council up till 9.30 a.m. on Monday, 22nd June, 2020 for:

Advt. No. LLC 02/2020. Pavement works, maintenance works and major patching/resurfacing works for the locality of Ħal Lija.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u tista' tarahom jew tniżżilhom mill-istess sit.

It-22 ta' Mejju, 2020

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ (Għawdex) jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ (Għawdex), permezz tal-ePPS, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju, 2020, għal:

Avviż Nru. ZGLC/04/2020. Dawl dekorattiv u sistema ta' irrigazzjoni b'mod li ma ssirx ħsara 'l-ambjent fil-bandli fi Triq Mons. Ġużeppi De Piro, Iż-Żebbuġ, Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-22 ta' Mejju, 2020

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be available to view and download from this same website.

22nd May, 2020

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ (Gozo) Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Żebbuġ (Gozo) Local Council through ePPS, up to 10.00 a.m. on Friday, 12th June, 2020, for:

Advt. No. ZGLC/04/2020. Decorative lighting and an environmentally friendly irrigation system in playing field in Triq Mons. Ġużeppi De Piro, Żebbuġ, Gozo.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

22nd May, 2020

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

579

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2020, fuq talba ta' Edgar Vincent Xuereb et et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 138/2020 fl-ismijiet Edgar Vincent Xuereb et vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 28th January, 2020, following a request by Edgar Vincent Xuereb et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 138/2020 in the names Edgar Vincent Xuereb et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Edgar Vincent Xuereb (KI 0500451M) u Mary Rose Xuereb (KI 251654M) vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa taċ-ċens gravanti l-fond 160, Triq Vincenzo Bugeja, Il-Ħamrun, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Jannar, 2020, fejn Edgar Vincent Xuereb (KI 0500451M) bin il-mejjet Joseph u Carmen xebba Attard, imwieled il-Ħamrun u residenti 29, Il-Quċċata Court, Apartment 3, Triq is-Sifa, Il-Mellieħa u Mary Rose Xuereb (KI 251654M) bint il-mejjet Edward Bone u Carmena Tong, imwielda l-Ħamrun u residenti 29, Il-Quċċata Court, Apartament 3, Triq is-Sifa, Il-Mellieħa esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti jħallsu lill-intimati s-somma ta' €1.63 (ġja Lm0.70) konsistenti fiċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-fond:

It-terran bin-numru uffiċjali 160, Triq Ċensu Bugeja, Il-Ħamrun, liema terran hu sottopost għal proprjetà ta' terzi bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu kif imsemmi fil-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa tal-25 ta' Settembru, 2006;

Illi llum l-esponenti jixtequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakoltà mogħtija lilhom ai termini tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu ċ-ċens tal-fond hawn fuq imsemmi;

Illi dan il-fond li ċ-ċens tiegħu qed jinfeda qed jidher immarkat bl-aħmar fuq il-pjanta Dok. A u r-ritratt Dok. B li qed jiġu hawn esebiti;

Illi l-ammont ta' €1.63 kapitalizzat bir-rata tal-5% jammonta għal €32.60;

Illi l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw l-ammont imsemmi ta' €32.60 prezz tal-fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu sabiex dan l-ammont jiġi mogħti lill-intimati u dan wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Rikorrenti: 29, Il-Quċċata Court, Apartment 3, Triq is-Sifa, Il-Mellieħa

Notifika:

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Registratur tal-Artijiet, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta.

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of ground rent filed in the First Hall of the Civil Court, in the names Edgar Vincent Xuereb (ID 0500451M) and Mary Rose Xuereb (ID 251654M) vs deputy curators to represent the unknown owners of the ground rent regarding the premises 160, Triq Vincenzo Bugeja, Ħamrun, filed on the 27th January, 2020, the applicants Edgar Vincent Xureb (ID 500351M), son of the late Joseph and Carmen nee Attard, born in Ħamrun and residing at 29, Il-Quċċata Court, Apartment 3, Triq is-Sifa, Mellieħa and Mary Rose Xuereb (ID 251654M), daughter of the late Edward Bone and Carmena Tong, born in Ħamrun and residing at 29, Il-Quċċata Court, Apartment 3, Triq is-Sifa, Mellieħa respectfully submitted:

That the applicants pay the respondent the sum of €1.63 (equivalent to Lm0.70) as annual and perpetual ground rent regarding the premises:

The tenement with official number 160, in Triq Ċensu Bugeja, Ħamrun, which tenement is underlying third party property with all its rights and appurtenances as said in the public deed in the records of Notary Clyde La Rosa of the 25th September, 2006;

The applicants wish to avail themselves of the option given to them in terms of article 1501 of the Civil Code and redeem the ground rent of the premises abovementioned;

The said premises in respect of which the ground rent is redeemed is marked with red on the plan Doc. A and the photo Doc. B here attached;

That the amount of €1.63 capitalised at the rate of 5% amounts to €32.60;

Thus the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the amount of €32.60 representing the redemption of the annual and perpetual ground rent so that this amount may be freely withdrawn by the said respondents after leaving the relative receipt according to law.

Applicants: 29, Il-Quċċata Court, Apartment 3, Triq is-Sifa, Mellieħa

Notification:

Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta

Lands Registrar, Triq il-Punent, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this

ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 28 ta' Jannar, 2020

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Mejju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela LLD, Doctor of Laws.

Today 28th January, 2020

Registry of the Superior Courts, today 15th May, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

580

Bandu għall-Kuratur

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fid-19 ta' Mejju, 2020, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fid-19 ta' Mejju, 2020, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti tar-rikors ġuramentat bin-numru 23/2020 BS fl-ismijiet L-Avukat Marsette Portelli Xerri (32089G) għan-nom ta' Carlo Cauchi (51849G) u Rita Cauchi (38860G) vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Federico Testaferrata de Noto fl-atti tar-Rikors Ġuramentat hawn fuq imsemmi kif ukoll fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. L-esponenti jesponu bir-rispett:

1. Illi kwart indiviż ta' proprjetà li indikata bħala "raba' "Tal-Grua" sive "Ta' Dremxiel" fil-kontrada "tal-Lewż", limiti tax-Xewkija, lejn Ta' Sannat tal-kejl l-intier ta' għaxart itmiem sieħ u tliet kejliet, pjanta kompriża l-ħitan, tmiss min-Nofsinhar ma' Triq "Tal-Grua", Tramuntana ma' beni "Tal-Taliola" propjetà tal-eredi ta Salvatore Spiteri, Punent ma' Art tal-Knisja ta' Santa Sabina, Victoria, Għawdex, libera

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated 19th of May, 2020, the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Whereas by a decree dated the 19th of May, 2020, in the records of the sworn application no. 23/2020BS by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section upon an application filed by Dr Marsette Portelli Xerri (32089G) on behalf of Carlo Cauchi (51849G) and Rita Cauchi (38860G) vs Deputy Curators to represent the interests of the unknown heirs of Federico Testaferrata de Noto, in the acts of the Sworn Application mentioned above, as well as the other related and subsequent acts. The applicants respectfully submit:

1. That one fourth (1/4) undivided share of the property better known as "raba' "Tal-Grua" sive "Ta' Dremxiel" fil-kontrada "tal-Lewż", limiti tax-Xewkija, lejn Sannat tal-kejl l-intier ta' ghaxart itmiem sieħ u tliet kejliet, pjanta kompriża l-ħitan, tmiss min-Nofsinhar ma' Triq "Tal-Grua" Tramuntana ma' beni "Tal-Taliola" proprjetà tal-eredi ta' Salvatore Spiteri, Punent ma' Art tal-Knisja ta' Santa Sabina,

u franka" ġiet mixtrija minn missier ir-rikorrent Giuseppe Cauchi mingħand George Edmund Longrigg u oħrajn datat it-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elf disa' mija tlieta u sittin (2.2.1963);

2. Illi l-istess kwota indiviża tal-istess art fuq deskritta ġiet donata minn Giuseppe Cauchi b'att tan-Nutar Joseph Spiteri datat it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija sitta u sebgħin (1976) lil ibnu r-rikorrent Carlo Cauchi fejn l-imsemmija art ġiet deskritta bħala "raba' "Tal-Guia" sive "Ta' Dremxiel" kontrada Tal-Lewż lejn Ta' Sannat, limiti tax-Xewkija, Għawdex tal-kejl l-intier ta' ghaxart itmiem, sieħ u tliet kejliet (T10, 1s3k) tmiss min-Nofsinhar ma' Triq "Tal-Guia", Tramuntana ma' beni "Tat-Taliola" proprjetà tal-eredi ta Salvatore Spiteri, Punent ma' Art tal-Knisja ta' Santa Sabina, Victoria, Għawdex, libru u frank";

3. Illi l-kwota intiera ta' din il-proprjetà kien ġie konsolidat minħabba terminazzjoni enfitewsi "ad tertiam ġenerazzjoni" b'att tan-Nutar Nicola Said datat il-ħamsa ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u erbgħin (5.6.1940) in forza ta' sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'awla tad-disgħa u għoxrin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u erbgħin (29.3.1940);

4. Illi kwart (1/4) indiviż ieħor mill-istess art li issa ġiet deskritta bħala "porzjon ta' Art "Ta Dremxiel" fil-limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex tal-kejl ta ċirka ħdax-il tomna u nofs (11½) u tikkonfina mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, Nofsinhar ma' Triq tal-Gvern u Punent ma' ġid tal-knisja ta' Santa Sabina ta' Għawdex u Tramuntana ma' ġid tal-aħwa Spiteri, libera u franka bid-drittijiet tagħha" ġiet mixtrija minn Carlo Cauchi (waqt iż-żwieġ tiegħu ma' martu Rita) b'att tan-Nutar Joseph Spiteri tad-disgħa ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija ħamsa u sebgħin (9.12.1975) mingħand Marie Attard Montaldo (fejn l-stess proprjetà ġiet deskritta li fiha xi ħdax-il tomna u nofs għalkemm il-konfini jaqblu mal-kuntratti preċedenti);

5. Illi sbatax-il sehem minn tliet mija u sitta u tletin sehem indiviż (17/336) ġew mixtrija minn Carlo Cauchi u martu b'att tan-Nutar Dr Roland Wadge datat id-dsatax ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (19.01.2002) fejn l-imsemmija art ġiet deskritta bħala "Porzjon ta' art imsejħa "Ta' Dremxiel" fil-limiti tas-Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka ħdax-il tomna u nofs ossia tnax-il elf disa' mija u sitta u għoxrin metru kwadru (12,926 m.k.) u tikkonfina Nofsinhar mat-triq tal Gvern, Lvant ukoll ma' propjretà tal-gvern, Punent ma' ġid tal-Joint Office, u qabel tal-Knisja ta' Santa Sabina t'Għawdex, u Tramuntana ma' ġid tal-aħwa Spiteri, libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, imberfla bl-aħmar din l-art fuq pjanta hawnhekk annessa mmarkata dokument "P";

Victoria, Għawdex, libera u franka" had been acquired by the mentioned Carlo Cauchi's father, Giuseppe Cuchi, from George Edmund Longrigg and others, by virtue of a public deed dated the second (2nd) February, one thousand, nine hundred and sixty-three (1963);

2. That the same undivided portion of land, as described above, had been transferred by means of a deed of donation from the named Giuseppe Cauchi to his son Carlo Cauchi, in the deeds of Notary Joseph Spiteri, dated the twelfth (12th) of June of the year one thousand, nine hundred and seventy-six (1976), where the relative portion of land was described as follows: "raba' "Tal-Guia" sive "Ta' Dremxiel" kontrada "Tal-Lewż lejn Sannat, limiti tax-Xewkija, Għawdex tal-kejl l-intier ta' ghaxart itmiem, sieħ u tliet kejliet (T10, 1s3k) tmiss min-Nofsinhar ma' Triq "Tal-Guia", Tramuntana ma' beni "Tat-Taliola" propjretà tal-eredi ta' Salvatore Spiteri, Punent ma' Art tal-Knisja ta' Santa Sabina, Victoria, Għawdex, libru u frank";

3. That the entire share of the mentioned property had been consolidated due to the termination of the relative emphyteusis "ad tertiam ġenerazzjoni" by virtue of a deed of Notary Nicola Said, dated the fifth (5th) June, one thousand, nine hundred and forty (1940), in line with a judgement of the First Hall, Civil Court, of the twenty-ninth (29th) March, one thousand, nine hundred and forty;

4. That a further one fourth (1/4) undivided share of the same portion of land, described as "porzjon ta' Art "Ta' Dremxiel" fil-limiti ta' Sannat, Għawdex tal-kejl ta ċirka ħdax-il tomna u nofs (11½) u tikkonfina mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, Nofsinhar ma' Triq tal-Gvern u Punent ma' ġid tal-knisja ta' Santa Sabina ta' Għawdex u Tramuntana ma' ġid tal-aħwa Spiteri, libera u franka bid-drittijiet tagħha" was acquired by Carlo Cauchi (during his marriage with Rita Cauchi), by virtue of deed of sale in the deeds of Notary Joseph Spiteri of the ninth (9th) December, one thousand, nine hundred and seventy-five (1975), from Marie Attard Montaldo, (where the property was described as comprising eleven tumoli and a half, with boundaries corresponding with those indicated on the mentioned previous deeds of acquisition);

5. That seventeen (17) out of three hundred and thirty-six undivided shares (17/336) were acquired by Carlo and Rita spouses Cauchi by virtue of a deed of Notary Dr Roland Wadge dated the nineteenth (19th) January, two thousand and two (2002), whereby the property was described as "Porzjon ta' art imsejħa "Ta' Dremxiel" fil-limiti tas-Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka ħdax-il tomna u nofs ossia tnax-il elf disa' mija u sitta u għoxrin metru kwadru (12,926 m.k.) u tikkonfina Nofsinhar mat-triq tal-Gvern, Lvant ukoll ma' proprjetà tal-gvern, Punent ma' ġid tal-Joint Office, u qabel tal-Knisja ta' Santa Sabina t'Għawdex, u Tramuntana ma' ġid tal-aħwa Spiteri, libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, imberfla bl-aħmar din l-art fuq pjanta hawnhekk annessa immarkata dokument "P";

6. Illi sittax-il sehem minn erbgħa u tmenin sehem indiviż (16/84) ġew mixtrija minn Carlo Cauchi u martu b'att tan-Nutar Dr Roland Wadge datat it-tmienja ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (08.08.2013) fejn l-imsemmija art ġiet deskritta bħala "Porzjon ta' art imsejħa "Ta' Dremxiel" fil-kontrada "Tal-Gruwa", fil-limiti tas-Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka ħdax-il tomna u nofs ossia tnax-il elf tmien mija u tnejn u tmenin metru kwadru (12,882 m.k.) jew kejl aktar verjuri u tikkonfina Nofsinhar mat-triq tal-Gvern li tagħti għal Triq tal-Lewż, Lvant ukoll ma' proprjetà tal-gvern, Punent ma' ġid tal-Gvern, u qabel tal-Knisja ta' Santa Sabina t'Għawdex, u Tramuntana ma' ġid tal-aħwa Spiteri, imberfla bl-aħmar din l-art fuq pjanta hawnhekk annessa mmarkata dokument "P". Mill-bqija l-imsemmija proprjetà qed tinbiegħ soġġetta għal u tgawdi mis-servitujiet riżultanti mill-pożizzjoni tagħha, bil-pussess battal, u bħala mill-bqija libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha fejn il-kejl tal-istess għalqa ġie aġġustat (b'persentaġġ ta' 0.34% ta' differenza mill-kuntratt preċedenti) u li għandu jiġi ritenut li huwa il-kejl preċiż tal-istess għalqa;

7. Illi nonostante l-indikazzjoni tal-kejl tal-istess art fl-ewwel u fit-tieni kuntratt fuq imsemmija) l-għadd tal-kwoti kollha fuq il-kejl ta' 11,484.56 il-metru (għaxart itmiem, siegħ u tliet kejliet) mill-istess art ossia 1/4+1/2+17/336+16/84 sehmiet indiviżi mixtrija mill-art jammontaw għall-kwota kumplessiva ta' 111/112-il sehem indiviż mill-istess art u kwindi r-rikorrenti għandhom il-maġġoranza tal-ishma fil-kejl fuq imsemmi tal-għalqa inkwistjoni;

8. Illi fuq il-kuntratti fejn l-art ġiet deskritta bħala ħdax-il tomna u nofs ossia għall-kejl ta' tnax il-elf tmien mija u tnejn u tmenin metru kwadru (12,882 m.k.) l-għadd tal-kwoti kollha mixtrija mill-istess art ossia 1/2+17/336+16/84 fuq l-art jammontaw għall-kwota kumplessiva ta' 83/112-il sehem indiviż mill-istess art u kwindi r-rikorrenti nomine għandhom ukoll b'dan il-kejl il-maġġoranza tal-ishma fl-għalqa inkwistjoni (u d-differenza ta 29/112) tappartjeni lil terzi fuq id-differenza fil-kejl fuq imsemmi tal-istess għalqa ossia fuq il-kejl ta' 1,500 (m.k.) metri kwadri;

9. Illi l-għalqa inkwistjoni ilha miżmuma fi stat ta' komunjoni għal iżjed minn għaxar snin u ħadd mis-sidien ma beda azzjoni quddiem xi Qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tagħha;

10. Illi r-rikorrenti nomine sab il-bejgħ tal-għalqa inkwistjoni u dan hekk kif jirriżulta mill-kopja ta' konvenju datat it-tletin (30) ta' Ottubru, elfejn u dsatax (2019), hawn anness bħala Dok. E, liema konvenju huwa soġġett għall-akkwist tas-sehem rimanenti u ċjoè ta' sehem wieħed minn tnax (1/112) fir-rigward tal-kejl ta' 11,382 metri kwadri mill-

6. That sixteen out of eighty-four (16/84) undivided shares were acquired by Carlo Cauchi and his wife by virtue of a deed of Notary Dr Roland Wadge dated the eighth (8th) August of the year two thousand and thirteen (2013), whereby the acquired property was described as "Porzjon ta' art imsejħa "Ta' Dremxiel" fil-kontrada "Tal-Gruwa", fil-limiti tas-Sannat, Għawdex, tal-kejl ta ċirka ħdax-il tomna u nofs ossia tnax-il elf tmien mija u tnejn u tmenin metru kwadru (12,882 m.k.) jew kejl aktar verjuri u tikkonfina Nofsinhar mat-triq tal-Gvern li tagħti għal Triq tal-Lewż, Lvant ukoll ma' proprjetà tal-gvern, Punent ma' ġid tal-Gvern, u qabel tal-Knisja ta' Santa Sabina t'Għawdex, u Tramuntana ma' ġid tal-aħwa Spiteri, imberfla bl-aħmar din l-art fuq pjanta hawnhekk annessa immarkata dokument "P". Mill-bqija l-imsemmija proprjetà qed tinbiegħ soġġetta għal u tgawdi mis-servitujiet riżultanti mill-pożizzjoni tagħha, bil-pussess battal, u bħala mill-bqija libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha" and where the measurements of the portion of land were adjusted (by a percentage disparity of 0.34% from previous deeds), and which adjusted measurements shall be retained as being the precise measurements of the same land;

7. That notwithstanding the measurements of the land in question in the first and second deed mentioned above, the total number of shares based on the measurement of 11,484.56 square metres, being 1/4+1/2+17/336+16/84 undivided shares of the same portion of land, amount 111/112 undivided share of the same land, and hence, Carlo and Rita spouses Cauchi are the owners of the majority of shares, in the measurements indicated above, over the property in question;

8. That on those deeds where the land has been described as comprising eleven tumoli and a half, equivalent to twelve thousand, eight hundred and eighty-two square metres (12,882 sq.m.), the number of acquired shares, being 1/2+17/336+16/84, amount to eighty-three out of one hundred and twelve undivided share (83/112), and hence, Carlo and Rita spouses Cauchi are also, by way of the indicated measurements, owners of the majority of the shares, with a resulting difference of twenty-nine out of one hundred and twelve (29/112) undivided share pertaining to third parties, when basing the same on the difference in measurements, that is, of one thousand five hundred square metres (1,500 sq.m.);

9. That the land in question has been held in common ownership for more than ten years, and none of the owners has ever filed in any action before any court or tribunal for the division thereof;

10. That plaintiff nomine have found sale of the property in question, and this as results from the copy of the promise of sale agreement dated the thirtieth (30th) October, two thousand and nineteen (2019), herewith attached and marked as Document 'E', which promise of sale agreement is subject to the acquisition of the remaining share, that is

istess għalqa u ta' 29/112 fir-rigward tad-differenza fil-kejl tal-istess għalqa ossia 1,500 metru kwadru;

11. Illi l-esponenti, qua sid tal-maġġoranza tal-ishma fl-imsemmija proprjetà, irid li jsir il-bejgħ tal-proprjetà inkwistjoni għall-prezz totali ta' €157,500 u li għalhekk:

(i) 111/112 minn 11,382m.k. mill-istess għalqa dovut lir-rikorrenti għandhom jinbiegħu għall-valur ta' €137,918;

(ii) 83/112 minn 1,500 m.k. mill-istess għalqa dovut lir-rikorrenti għandhom jinbiegħu għall-valur ta' €13,591

(iii) Id-differenza fil-prezz ossia €5991 għandhom jitħallsu lil terzi mhux magħrufa;

12. Illi l-prezz stipulat fuq il-konvenju esibit bħala Dok. E huwa wieħed reali u jirrifletti l-prezz tas-suq tal-proprjetà inkwistjoni u dan kif jirriżulta mir-rapport tal-Perit Carmel Ellul, hawn anness bħala Dok. F;

13. Illi l-intimati mhux ser ikunu gravement preġudikati kemm-il darba din il-Qorti tordna tali bejgħ;

14. Illi għalhekk ma hemm ebda ġustifikazzjoni mill-intimati għaliex ma għandhomx jersqu għal tali bejgħ;

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex din il-Qorti a tenur tal-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-istess Kapitolu 16:

1. Tawtorizza l-bejgħ tal-għalqa msemmija porzjon ta' art imsejħa "Ta' Dremxiel" fil-kontrada "Tal-Gruwa", fil-limiti tas-Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tnax il-elf tmien mija u tnejn u tmenin metru kwadru (12882 m.k.) jew kejl aktar verjuri li għandu jiġi kkonfermat sal-att finali ta' trasferiment u tikkonfina Nofsinhar mat-triq tal Gvern, Lvant ukoll ma proprjetà tal-gvern, Punent ma' ġid tal-Gvern, u qabel tal-Knisja ta' Santa Sabina t'Għawdex, u Tramuntana ma' ġid tal-aħwa Spiteri. Salv għal dak espressament indikat mod ieħor fuq dan il-ftehim, l-imsemmija proprjetà għandha tinbiegħ libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, ħielsa minn ċens jew subċens, piż, servitujiet, ipoteki, privileġġi, charge jew caution, libera minn drittijiet favur terzi, kemm reali jew personali ta' kwalunkwe tip jew natura, libera minn notifiki jew ordnijiet ta' rekwiżizzjoni jew esproprjazzjoni, u inġenerali libera minn titoli ta' possession and use, jew kwalunkwe drittijiet favur il-Gvern ta' Malta jew awtorità pubblika oħra, libera minn kull ċirkostanza li tista' tillimita jew tippreġudika bi kwalunkwe mod it-

one out of one hundred and twelve (1/112) undivided share, with regard to 11.382 sq.m. of the same land and 29/112 undivided share with regard to the resulting difference of 1,500 sq.m.;

11. That plaintiff nomine, being the owner of the majority of the shares within the property in question, would like that the property is sold for the global price of one hundred and fifty-seven thousand and five hundred euro (€157,500) and that, therefore:

(i) 111/112 out of 11,382sq.m. of the property are sold for €137,918;

(ii) 83/112 out of 1,500 sq.m. of the property are sold for €13,591;

(iii) The resulting difference in the price, and hence €5991, are to be paid to the unknown third parties;

12. That the price stipulated on the promise of sale agreement, marked as Document 'E' is just and real and reflects the proper market price of the property in question, and this as results from the report drawn up by Architect Carmel Ellul, herewith attached and marked as Document 'F';

13. That defendants will not be prejudiced should the same sale be authorised by this Honourable Court;

14. That therefore there exists no justification why the same sale of the property should not be proceeded with.

Therefore, this Honorable Court is being humbly requested to, in terms of article 495A of Chapter 16 of the Laws of Malta and under any other relevant dispositions of the same Chapter 16 of the Laws of Malta:

1. Authorises the sale of the portion of land known as "Ta' Dremxiel" in the area known as "Tal-Gruwa", limits of Sannat, Gozo, measuring approximately twelve thousand eight hundred and eighty-two square metres (12,882sq.m.) or more accurate measurements to be confirmed by the final act of transfer, bounding with a public road, East with government property, West with Government property, previously property of the Church of Santa Sabina in Gozo, and North with property of the Spiteri brothers. Except as otherwise expressly stated in any relative deed, the said Property shall be sold free and unencumbered, with all of its rights and appurtenances, free from ground rent or sub-ground rent, encumbrances, easements, mortgages, liens, charges or cautions, free from rights in favour of third parties, whether real or personal, of any kind or nature, free from notices or orders of requisition or expropriation, and generally free from titles of possession and use, or any rights in favour of the Government of Malta or any other public authority, free from any circumstance which may limit or

tgawdija piena u mhux ristretta tal-imsemmija proprjetà mill-akkwirenti tagħha u bil-pussess liberu u immedjat favur l-akkwirenti fuq l-att finali ta' trasferiment li għandu jiġi ppubblikat in segwitu għal dan il-ftehim għall-prezz globali ta' €157,500;

2. Konsegwentement tordna li jiġi konkluż tali bejgħ versu l-prezz u kundizzjonijiet kollha pattwiti fil-konvenju fuq imsemmi;

3. Taħtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Roland Wadge sabiex jippubblika l-att Nutarili relattiv fil-jum, ħin u post li din il-qorti jogħġobha tiffissa, kif ukoll taħtar kuraturi deputati sabiex jidhru f'isem dawk li jonqsu li jidhru għall-imsemmi kuntratt.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bhala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 19 ta' Mejju, 2020

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MAUREEN XUEREB
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

prejudice in any way the unrestricted enjoyment of the said property by its acquirers and with the free and immediate possession in favor of the acquirers on the final deed of transfer to be published pursuant to this agreement for the overall price of €157,500;

2. Consequently orders that such a sale be concluded against the price and conditions agreed in the abovementioned promise of sale agreement;

3. Appoints Notary Public Dr Roland Wadge to publish the relative Notarial deed on the day, time and place which this Honourable Court indicates, as well as appoints deputy curators to appear on behalf of those who fail to appear for the said contract.

All this under those directions that this Honourable Court deems necessary and opportune.

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section under the signature of Magistrate Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the said Court.

This 19th May, 2020

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section

MAUREEN XUEREB
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

581

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fil-15 ta' Mejju,

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated 15th May,

2020, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fil-15 ta' Mejju, 2020, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens bin-numru 60/2020 ta' Josephine Grech ta' 'Josefa', Triq Sarġ, Ta' Kerċem, Għawdex, detentriċi tal-Karta tal-Identità Numru 40460(G); Mario Cassar ta' 'Rosemar', Triq Viani, Ir-Rabat, Għawdex, detentur tal-Karta tal-Identità Numru 43762(G); Mary Grace Caruana ta' 'Heaven's Gate', Triq l-Għarb, L-Għarb, Għawdex, detentriċi tal-Karta tal-Identità Numru 3171(G); Lucy Calleja ta' Flat 3, Falcon Valley Court, Triq Wied is-Seqer, Ir-Rabat, Għawdex, detentriċi tal-Karta tal-Identità Numru 67255(G); Coronato Calleja ta' 'Thornbirds', Triq Berrini, Ta' Kerċem, Għawdex, detentur tal-Karta tal-Identità Numru 61342(G); Francis Calleja ta' 'Madonna tal-Grazzja', Triq il-Kapuċċini, Ir-Rabat, Għawdex, detentur tal-Karta tal-Identità Numru 84544(G); John Calleja ta' 'Aphrodite', Triq il-Madonna tal-Ġilju, Ir-Rabat, Għawdex, detentur tal-Karta tal-Identità Numru 43858(G); Joseph Calleja ta' 24, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Ir-Rabat, Għawdex, detentur tal-Karta tal-Identità Numru 13049(G); Grace Camilleri ta' 'Roy', Triq l-Għar ta' Ninu, Ix-Xagħra, Għawdex, detentriċi tal-Karta tal-Identità Numru 28352(G); Margaret Rose Camilleri ta' 'San Ġorġ', Triq Wistin Camilleri, Ir-Rabat, Għawdex, detentriċi tal-Karta tal-Identità Numru 4854(G); Maria Gafà ta' Flat 10, Block D, Triq il-Ward, Ħaż-Żabbar, Malta, detentriċi tal-Karta tal-Identità Numru 87545(G); u Maurice Zammit ta' 'Oasis', Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata, Il-Fontana, Għawdex, detentur tal-Karta tal-Identità Numru 6862(G). Jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti flimkien huma proprjetarji tal-korp ta' bini konsistenti fi Blokk A, B, u C fil-kumpless bin-numru tlieta u għoxrin (23) u bl-isem 'Calleja Court', fi Triq is-Sagħtar, Ir-Rabat, Għawdex u jikkonfina fl-intier tiegħu Tramuntana mat-triq, Nofsinhar ma' beni ta' Louis Calleja u Punent ma' beni ta' Anthony Calleja jew l-aventi causa jew irjieħ verjuri. Din il-proprjetà hija soġġetta għall-ħlas ta' tliet soldi u sitt ħabbiet tal-munita antika (£0 0/3 ½) ċens annwu u perpetwu. Din il-proprjetà tinsab indikata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta u site plan hawn annessa u mmarkata Dok. A;

Illi l-esponenti jixtiequ jifdu dan iċ-ċens fl-intier tiegħu u għalhekk qegħdin jippreżentaw dan ir-rikors;

Illi l-esponenti ma jafux lil min suppost jitħallas dan iċ-ċens;

Illi dan il-fond kien oriġinarjament akkwistat minn Antonio Calleja mingħand Giuseppe u Antonio ahwa Calleja permezz ta' att ta' permuta fl-atti tan-Nutar Antonio Galea

2020, the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Whereas by a decree dated the 15th May, 2020, in the records of the schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 60/2020 by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section upon an application filed by, Josephine Grech of 'Josefa', Triq Sarġ, Kerċem, Gozo, holder of Identity Card Number 40460(G); Mario Cassar of 'Rosemar', Triq Viani, Rabat, Gozo, holder of Identity Card Number 43762(G); Mary Grace Caruana of 'Heaven's Gate', Triq l-Għarb, Għarb, Gozo, holder of Identity Card Number 3171(G); Lucy Calleja of Flat 3, Falcon Valley Court, Triq Wied is-Seqer, Rabat, Gozo, holder of Identity Card Number 67255(G); Coronato Calleja of 'Thornbirds', Triq Berrini, Ta' Kerċem, Gozo, holder of Identity Card Number 61342(G); Francis Calleja of 'Madonna tal-Grazzja', Triq il-Kapuċċini, Rabat, Gozo, holder of Identity Card Number 84544(G); John Calleja of 'Aphrodite', Triq il-Madonna tal-Ġilju, Rabat, Gozo, holder of Identity Card Number 43858(G); Joseph Calleja of 24, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Rabat, Gozo, holder of Identity Card Number 13049(G); Grace Camilleri of 'Roy', Triq l-Għar ta' Ninu, Xagħra, Gozo, holder of Identity Card Number 28352(G); Margaret Rose Camilleri of 'San Ġorġ', Triq Wistin Camilleri, Rabat, Gozo, holder of Identity Card Number 4854(G); Maria Gafà of Flat 10, Block D, Triq il-Ward, Ħaż-Żabbar, Malta, holder of Identity Card Number 87545(G); and Maurice Zammit of 'Oasis', Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata, Fontana, Gozo, holder of Identity Card Number 6862(G). Submits with respect:

That the applicants together are owners of a property consisting of Block A, B, and C in the complex numbered twenty-three (23) named 'Calleja Court', in Triq is-Sagħtar, Rabat, Gozo, the whole bounded on the North by the street, South with property of Louis Calleja and West with property of Anthony Calleja or aventi causa or more correct boundaries. That the property is subject to the payment of three pence and six farthings (£0 0/3 ½) annual and perpetual groundrent. This property is marked in red on the plan and site-plan herewith attached and marked as Doc. A;

That the applicant wishes to redeem the groundrent in its entirety and thus is presenting this application;

That the applicant does not know to whom is this groundrent payable;

That this property was originally acquired by Antonio Calleja from Giuseppe and Antonio brothers Calleja by virtue of a deed of exchange in the acts of Notary Antonio

tad-disgħa (9) ta' Diċembru tas-sena elf, disa' mija u sebgħin (1970) u li kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

Illi l-ammont ta' ċens kif spjegat aktar 'il fuq huwa ta' tliet soldi u sitt ħabbiet tal-munita antika (£0 0/3 ½) ekwivalenti għal ċenteżmu u ħames milleżmi tal-Lira Maltija (LM0.01c5) ekwivalenti għal erba' ċenteżmi tal-ewro (€0.04);

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu rwieħhom mill-fakultà li tipprovdi l-Liġi ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta u jirredimu dan iċ-ċens fl-intier tiegħu illi kapializzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal tmenin ċenteżmu tal-ewro (€0.80).

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jeżimu rwieħhom minn kull responsabbiltà qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' tmenin ċenteżmu tal-ewro (€0.80) fidi ta' ċens dovuti kif spjegat, liema somma tista' tiġi liberament żbankata mill-intimat/i wara li titħalla debita riċevuta skont il-Liġi.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Simone Grech LLD, M. Jur., (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 15 ta' Mejju, 2020

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Galea of the ninth (9) December of the year one thousand, nine hundred and seventy (1970) a copy of which is being herewith attached and marked as Doc. B;

That the groundrent described above is of three pence and six farthings (£0 0/3 ½) equivalent to one cent five mils of the Maltese Lira (LM0.01c5) equivalent to four euro cents (€0.04);

That the applicants wish to benefit from the dispositions of Law and by virtue of Article 1501 of Chap. XVI of the Laws of Malta, redeems the groundrent in its entirety which capitalised at the rate of five percent (5%) amounts to three euro and sixty cents (€3.60).

Therefore, the applicants in order to exonerate themselves from any responsibility, are calling upon this Honourable Court and under its authority deposit the sum of eighty euro cents (€0.80) in redemption of groundrent as explained above, which amount may be freely withdrawn by the respondent/s after due receipt according to Law is tendered.

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six (6) days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

